

- bir-rata ta' 9.22 % fis-sena mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2003;
- bir-rata ta' 9.14 % fis-sena mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2004;
- bir-rata ta' 9.13 % fis-sena mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2004;
- bir-rata ta' 9.21 % fis-sena mill-1 ta' Jannar sal- 31 ta' Jannar 2005;
- bir-rata legali, ikkalkulata skond l-Artikolu 288 tal-Bürgerliches Gesetzbuch (Kodiċi Ċivili Ġermaniż), mingħajr ma din ir-rata taqbeż 9.21 %, mill-1 ta' Frar 2005 sal-ħlas kollu tad-dejn.

2) Environmental Management Consultants hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Il-Ħames Awla) tat-30 ta' Jannar 2008 —
Japan Tobacco vs UASI — Torrefacção Camelo (CAMELO)**

(Kawża T-128/06)

“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva CAMELO — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti CAMEL — Raġuni relattiva għal rifjut — Nuqqas ta' probabbiltà li jittieħed vantaġġ inġust mill-karattru distintiv u mir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti u nuqqas ta' probabbiltà ta' ħsara għal dawn ta' l-aħħar — Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 — Nuqqas ta' ksur tar-regoli tal-proċedimenti ta' appell — Artikolu 74 tar-Regolament Nru 40/94”

Trade mark Komunitarja — Definizzjoni u kisba tat-trade mark Komunitarja — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Oppożizzjoni mill-proprietarju ta' trade mark preċedenti identika jew li tixxiebah li għandha reputazzjoni — Protezzjoni tat-trade mark preċedenti li għandha reputazzjoni estiża għal prodotti jew servizzi li ma jixxiebhux (Regolament tal-Kunsill Nru 40/94, Artikolu 8(5)) (ara l-punti 56-66)

Suġġett

Rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tat-22 ta' Frar 2006 (Każ R 669/2003-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Japan Tobacco, Inc. u Torrefacção Camelo L^{da}.

Informazzjoni dwar il-kawża

Applikant għat-trade mark Komunitarja:	Torrefacção Camelo L ^{da}
Trade mark Komunitarja kkonċernata:	Trade mark li fiha elementi figurattivi (ġemel, piramidi, palmi) u l-isem CAFÉ TORRE-FACTO CAMPO MAIOR CAMELO CAFÉ ESPECIAL PURO Torrefacção Camelo L ^{da} CAMPO MAIOR-PORTUGAL, għal prodotti fil-klassi 30 — Applikazzjoni Nru 1469121
Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni:	Japan Tobacco, Inc.
Trade mark jew sinjal invokat in sostenn ta' l-oppożizzjoni:	Trade mark nazzjonali figurattiva CAMEL għal prodotti fil-klassijiet 22 u 34
Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Opportizzjoni:	Oppożizzjoni milqugħa
Deċiżjoni tal-Bord ta' l-Appell:	Deċiżjoni tad-Diviżjoni ta' l-Opportizzjoni annullata

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.

- 2) Japan Tobacco, Inc. għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) Torrefacção Camelo L^{da} għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tieni Awla) tat-30 ta' Jannar 2008 —
Arktouros vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-260/06)

“Rikors għal annullament — Regolament (KE) Nru 1655/2000 — Kanċellament ta' l-għajnuna finanzjarja mogħtija għal proġett ekoloġiku — Deċiżjoni li ttejjm il-proġett u li tordna l-ħlas lura tas-somom imħallsa bil-quddiem — Att konfermattiv — Skadenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors — Inammissibbiltà”

1. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Kunċett — Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti (Artikolu 230 KE) (ara l-punti 52, 55, 56)*
2. *Rikors għal annullament — Rikors intiż kontra d-deċiżjoni konfermattiva ta' żewġ deċiżjonijiet mhux ikkontestati fit-termini previsti (Artikolu 230 KE) (ara l-punti 57-59)*

Suġġett

Annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni E (2006) 3181 finali, tas-6 ta' Lulju 2006, li minn naħa, ittejjm proġett li jikkonċerna azzjonijiet ta' konservazzjoni fil-Park Nazzjonali ta' Pindos ta' Fuq (il-Greċja) (Ellas — LIFE03/NAT/GR/000089), u, min-naħa l-oħra, tordna r-rimbors tas-somom imħallsa bil-quddiem lir-rikorrenti bħala għajnuna finanzjarja Komunitarja li kienet ingħatatilha skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2003) 2919 finali, ta' l-4 ta' Settembru 2003.